**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Jannar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 424/16 AL

**AB**
**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-P.L. Melissa Anastasi nominati b'digriet tat-2 ta' Novembru, 2016 bhalaKuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD,**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Hija żżewġet lil CB f'Melbourne, Awstralia fis-16 ta' Marzu 1985, liema żwieġ ġie sussegwentement reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn mehmuż u mmarkat bhala Dok. 'A'. Minn dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal, u, li llum huma kollha maġġiorenni.

2. Permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella LL.D., datat 2 ta' Awwissu 2001 (Dok. 'B') il-kontendenti nfirdu personalment.

3. B'hekk, illum il-partijiet ilhom ma jgħixu flimkien ghal aktar minn erba' (4) snin. L-esponenti ilha ma tara jew tisma b'aħbar żewġha għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena; dan kif anke jirriżulta minn affidavit illi hija kienet għamlet fit-22 ta' Lulju 2008 (Dok. 'Ċ'). Is-sitwazzjoni minn dakinhar li l-esponenti ħalfet dan l-affidavit ma nbidlitx.

4. Bejn il-kontendenti ma teżisti ebda vertenza fir-rispett ta' retta alimentari; inoltre, ma jeżisti ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.

5. Għaldaqstant, ir-rekwiziti imposti mill-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu ampjament sodisfatti.

6. Fid-dawl tal-premess, hija l-umili fehma tal-esponenti illi din l-Onorabbli Qorti, tista' tipprocedi ghad-decizjoni taghha bid-dispensa tas-sejha kontemplata fl-Artiolu 66I tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. L-esponenti hija domiċiljata ġewwa Malta.

8. L-esponenti qiegħda tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-ġurament tagħha.

Talbet in vista tal-premess, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tippronunzja d-divorzju, ossia, l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet fis-16 ta' Marzu 1985;

2. tordna lir-Registraur tal-Qrati sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha irrilevaw li mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu il-fatti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Awissu 2001;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.